MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1365/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Frankie Sammut]**

**vs**

**Alan Mifsud**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alan Mifsud detentur tal-karta tal-identita` numru 422177(M).

Akkuzat talli:
f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn it-13 ta' Marzu, 2010 u l-20 ta' Marzu, 2010 fl-inhawi tal-Foss limiti ta' Haz Zabbar, ikkommetta serq ta' oggett u cioe` vettura tal-ghamla Volkswagen Polo, bin-numru tar-registrazzjoni DBF-273 liema serq, li sar ghad-detriment ta' Joseph Nazzareno Abela mill-Isla u/jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn Euro 116.57 imma

mhux aktar minn Euro 2329.37, u bix-xorta tal-haga misruqa;

u aktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentament, b’kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u cioe` vettura tal-marka Volks Wagon Polo, bin-numru tar-registrazzjoni DBF-273 liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn Euro 116.57, imma mhux aktar minn Euro 2329.37.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat l-Artikoli 17(h), 267, 271 u 334 tal-Kodici Kriminali.

Stante ammissjoni tal-imputat ghat-tieni akkuza kif dedotta kontrih, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu qed issib lill-imputat Alan Mifsud hati tat-tieni akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum filwaqt li tilliberah mill-ewwel stante li hija alternattiva ghat-tieni akkuza.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------